# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **1** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 2 ta' Lulju 2019 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Mario Calleja<br>Is-Sinjorina Janice Falzon<br>Dr. Patrick Camilleri<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Dr. Errol Cutajar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sinjura Mary Rose Mifsud<br>Perit John Schembri<br>Is-Sur Ryan Portelli |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |

### ***Aġenda***

1. Aċċetazzjoni tal- Kariga ta' Sindku.
2. Ġurament tal-Kariga tas-Sindku.
3. Aċċetazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku.
4. Ġurament tal-Kariga ta' Viċi Sindku.
5. Responsabbilitajiet lill-Kunsilliera
6. Aġġornament

Councillors
**Mario Calleja**
**Janice Falzon**
**Charlot Mifsud**
**John Baptist Camilleri**
**Dr. Errol Cutajar**
**Dr. Patrick Camilleri**
**MaryRose Mifsud**
**Ryan Portelli**
**Perit John Schembri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku :***

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lis-Sur Mario Calleja jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku.

Il-Kunsillier is-Sur Mario Calleja aċċetta u ppreżenta l-ittra ta' aċċettazzjoni.

2.0 ***Ġurament tal-Kariga tas-Sindku:***

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja ħa l-ġurament tal-kariga fil-preżenza tal-kummissarju tal-ġustizzja Dr. Anna Mallia.

3.0 ***Aċċettazzjoni tal-Kariga tal-Viċi Sindku:***

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lis-Sinjorina Janice Falzon jekk taċċettax il-kariga tal-Viċi Sindku.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Janice Falzon aċċettat u ppreżentat l-ittra ta' aċċettazzjoni.

4.0 ***Ġurament tal-Kariga tal-Viċi Sindku:***

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon ħadet l-ġurament tal-kariga fil-preżenza tal-kummissarju tal-ġustizja Dr. Anna Mallia.

5.0 ***Responsabbiltajiet lill-Kunsilliera:***

5.1 **Is-Sindku s-Sur Mario Calleja:** Ambjent, komunitajiet tan-negozji flimkien ma' entitajiet oħra inkluż il-Kleru, tqassim ta' xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill, douzelage town twinning organisation u proħetti u Fundazzjoni Gal Xlokk

5.2 **Is-Sinjorina Janice Falzon:** Amjent fejn jidħol riserva tal-Magħluq, tranpsort pubbliku inkluż bus shelters, ħarsien tal-annimali, sports u attivitajiet fiżiċi, bord editorjali tar-rivista.

5.3 **Is-Sur John Baptist Camilleri**: Binja Amministrattiva, enerġija, ambjent Marittimu fejn jidħlu ġaġġeġ tal-ħut tniġġiż tal-ibħra tal-madwar, integrazzjoni soċjali u membri tal-bord tar-rivista.

5.4 **Is-Sur Charlot Mifsud:** Edukazzjoni primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid-Douzelage, anzjani, indafa u tiżbieħ tal-ġonna u promenades, rappreżentant tal-Kunsill fil-wasteserv u l-Impjant ta'Sant'Antnin, rappreżentant tal-Kunsill fil-Kumitat tar-Reġjun Xlokk.

5.5 **Dr. Patrick Camilleri** : Ħolqien ta' website ġdida tal-Kunsill flimkien ma fb, edukazzjoni sekondarja li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel tagħna flimkien mal-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna.

5.6 **Is-Sur Ryan Portelli**: Żagħżagħ u tfal, proġetti tad-Douzelage, applikazzjonijiet u rapport finali, tħejjija għal-laqgħa ġenerali annwali f'Marsaskala fl-2022

5.7 **Dr. Errol Cutajar** : Qasam soċjali, sanita` u wirt storiku

5.8 **Perit John Schembri** : Infrastruttura tat-toroq, disinji fuq proġetti proposti, identifikazzjoni ta' għamara fit-toroq li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel, kif ukoll jsir inventarju ta' kull biċċa għamara li għandna fit-toroq.

- Is-Sindku ssuġġerixxa lil Kunsilliera sabiex l-amministratur ta' facebook jitfa dikjarazzjoni fil-facebook page Marsaskala our beautiful village illi l-Kunsill mhux ser jirrispondi iktar kummenti fuq din is-sit u ninfurmaw lil pubbliku sabiex jużaw il-face book page uffiċjali tal-Kunsill.

  Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li ġieli fil-kummenti jiġi ttegjat l-isem u għaldaqstant wieħed hekk ma jkunx jista jwieġeb

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk hux possibli illi l-Kunsilliera jkollhom parti mil-admin rights tal-facebook tal-Kunsill sabiex tnaqass mil-piż tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk isir hekk kull Kunsillier jkun jista jippublika f'isem il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar jintuża l-facebook tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel dwar dan

- Is-Segretarju Eżekttiv informa lil Kunsilliera illi skond il-liġi il-ġdida il-laqgħa annwali trid issir darbtejn fis-sena.

  Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi il-Kunsill tagħna huwa kunsill attiv u għanda ħafna proġetti għaddejien bħal bini tal-Kunsill, tisbieħ fi Ġnien Sant'Anna u l-urban greening.

  Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi kull kunsillier jista jaħtar sotto kumitat u talabhom sabiex jsiru il-minuti tal-laqgħat u wara jiġu preżentati fis-seduta tal-Kunsill. Huwa talabhom ukoll sabiex jippreżentaw il-lista tal-membri ukoll fis-seduti li jmiss.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-Kunsill ser japplika għal skema ta' €8000 rigward il-miżuri favur l-annimali fil-komunita` ta' Marsaskala. Huwa irringrazzja lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tal-inizjattiv tagħha. Din l-iskema tagħalaq fit-12 ta' Lulju 2019.

  Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn din l-inizjattiva ser jinxtraw traps, dar tal-injam li tintuża bħala recovery area u l-kumplament se jintefaq f'neutering.

  Il-Viċi Sindku qalet illi ser issir ġol family park u tista tiġi milħuqa minn Triq iż-Żinżell.

  Il-Kunsillier Patrick Camilleri staqsa kif ser tiġi mmaniġjata l-kamra tal-injam.

  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon wieġbet illi hija diġa iffurmat sotto kumitat u hemm niex volontarja illi ser jieħdu ħsieb.

  Il-Kunsillier Patrick Camilleri qal li l-aħjar jsiru l-cameras.

6.0 L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m u ġiet aġġornata għal-nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2019 fis-6.00p.m

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |